# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 019

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2571/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Doris Bonello**

**u**

**The General Soft Drinks Company Ltd**

**dwar allegazzjoni ta' fastidju sesswali, allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju, u tkeccija mill-impieg allegata li hija ingusta.**

Illum 27 ta' Lulju 2010

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors tar-rikorrenti Doris Bonello ipprezentata fir-Registru tal-Qorti fis-7 ta’ Marzu 2008, u ffirmat mill-avukat Mark Portelli.

DIKJARAZZJONIJIET

Fir-Rikors promotorju r-rikorrenti tghid li hija kienet impjegata bhala merchandiser mal-kumpanija The General Soft Drinks Company Ltd, u dan mill-14 ta' Marzu 2002. Fit-2 ta' Lulju 2007 hija giet promossa ghall-pozizzjoni ta' Market Activator fuq bazi full time. Imbaghad fid-29 ta' Novembru 2007 hija ssejhet biex tattendi laqgha mad-dirigenti tal-kumpanija fejn kien prezenti s-Sales and Marketing Manager Martin Agius. Tghid li dan Martin Agius spiss adotta agir abbuziv, intimidanti u offensiv fil-konfront ta' l-esponenti li kien jaghmel minn kollox biex l-esponenti titlaq jew titkecca. Tghid li hija ghamlet minn kollox biex tevita li dan isehh jew jirrepeti ruhu, izda dan Martin Agius baqa' jagixxi kif irid fil-konfront taghha, tant li fil-

laqgha tad-29 ta' Novembru 2007 huwa ffastidjaha  pubblikament quddiem kamra nies b'diskors mhux mixtieq ta' natura sesswali li kien intiz li jumiljaha, jattakkalha d-dinjita` taghha, jintimidaha u joffendiha fuq il-post tax-xoghol. Tghid li dan l-agir jammonta ghal fastidju sesswali u wkoll trattament diskriminatorju fil-konfront ta' l-esponenti, bi ksur, inter alia, ta' l-Artikolu 29 tal-Kap 452 u r-Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.95, li gab mieghu konsegwenzi gravi fuq ir-rikorrenti tant li hija tkissret psikologikament u moralment, u giet imtellfa minn xogholha, wara li kienet kostretta thalli immedjatament il-post tax-xoghol taghha li ma kienx hlief altament ostili, degradanti, umiljanti u offensiv u nieqaes minn kwalunkwe protezzjoni ghaliha. Tghid li din hija forma ta' tkeccija ingusta bhala *constructive dismissal*, u talbet li jigi investigati dawn l-ilmenti, u cioe` li r-rikorrenti sofriet fastidju sesswali, kienet assoggetata ghal trattament diskriminatorju u li kienet vittma ta' constructive dismissal, u ghal dan il-principal ghandu jhallas kumpens.

Id-Dikjarazzjoni tal-kaz tar-Rikorrent hija simili, u fil-waqt li talbet kumpens ma talbitx li tigi *re-instated*.

Fl-istqarrija tal-kaz taghha, is-socjeta` intimata rrispondiet (1) li l-kumpanija intimata bl-ebda mod ma tat fastidju sesswali lir-rikorrenti, u anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument kien hemm xi fastidju sesswali (li l-intimati ma qablux li kien hemm) dan se mai sar minn individwu li ma setax kien qed jagixxi b'mod illi jikkawza illi l-agir tieghu jista' jigi attribwit lill-intimati.
(2) Tghid li l-intimati ma jistghux jigu akkuzati li ma hadux prekawzjonijiet sufficjenti biex ma jkunx hemm fastidju sesswali fqu il-post  tax-xoghol peress illi dan kien incident wahdieni illi ma garax minhabba nuqqas ta' prekawzjonijiet peres li ma kienx hemm complaints precedenti li setghu wasslu lill-intimati biex jiehdu xi prekawzjoni partikolari.
(3) Tghid li fi kwalunkwe kaz ma kienx hemm fastidju seswali peresss illi l-incident, jekk wiehed jista' jsejjahlu hekk, kien wiehed minimu u ta' portata zghira, u ma kienx il-kaz ili kien hemm xi *unwelcome behaviour* kontinwat.

(4) Tghid li fi kwalunkwe kaz, l-intimati wara li gew infurmati b'dak li kien sehh, hadu hsieb illi ssir apologija ghal kull inkonvenjent mill-persuna li allegatment kien naqas, u fic-cirkostanzi dan il-pass da parti ta' l-intimati kien sufficjenti biex jissodisfa kull obbligu taghhom.
(5) Tghid li fic-cirkostanzi lanqas ma jista jinghad illi r-rikorrenti sofriet constructive dismissal peress illi l-agir ta' l-intimati ma kienx tali li jwassal ghal dan, kif jigi muri waqt is-smiegh tal-kaz.

PRELIMINARI

Fl-ewwel seduta, li nzammet 5 xhur wara d-data ta' l-incident mertu ta' dan il-kaz, dan it-Tribunal stieden liz-zewg partijiet sabiex jesploraw il-possibilita` ta’ ftehim bonarju, izda l-partijiet mill-ewwel ghamluha cara li kienu 'l boghod milli jaslu ghal ftehim u qablu li l-kaz kellu jibda jinstema' immedjatament. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jinghad li dan il-kaz ma setax jigi konkjuz fi zmien xahar peress li z-zewg nahat, partikolarment ir-rikorrenti, ressqu diversi xhieda f' numru ta' seduti.

IL-PROVI

Ir-rikorrenti bdiet billi ressqet lit-Team Leader Kathy Hayman li spjegat li s-sezzjoni taghhom hija mmexxija mill-manager Martin Agius, tahtu hemm l-Assistant Manager Marlene Borg, tahtha hemm Jonathan Spiteri, imbaghad tahtu tigi x-xhud u tahtha jaqghu l-Activators. Tghid li tezisti procedura miktuba dwar complaints li jigu mill-klienti, mentri meta hija jkollha complaint personali hija tkellem lil xi hadd mis-superjuri taghha imsemmijin hawn fuq. Hija tghid li l-kumpanija ma tathiex struzzjonijiet partikolari dwar kif tagixxi f'kaz li jkollha ilment personali. Hija tispjega kif fil-jum ta' l-incident kien hemm laqgha fejn l-impjegati dahlu u sabu post, mentri meta dahlet ir-rikorrenti din irrimarkat li ma kinitx taf fejn ser tpoggi bil-qeghda; hawnhekk

Martin Agius qalilha "poggi bejn saqajja" quddiem in-nies kollha (xi 20 ruh) li kienu prezenti ghal din il-laqgha. Il-laqgha kompliet normali. In kontroezami din ix-xhud tghid li fil-Ftehim Kollettiv hemm indikata l-*grievance procedure* f'kaz li impjegat ikollu xi ilment xi jressaq. Tghid li l-incident l-anqas ha sekonda. Tghid ukoll li qatt ma kienet prezenti ghal xi incident iehor simili li fih kien involut Maritn Agius.

Xhedet ir-Reliever Activator Nathalie Tanti. Fost affarijiet ohra tghid li f'kaz ta' ilment dwar ix-xoghol proprju hija tirrapporta lis-superjuri taghha Marlene Borg u Jonathan Spiteri, mentri jekk l-ilment ikun aktar personali hija tmur ghand il-Human Resources, fejn hemm certu Stephen. Wara li terga' tirrakkonta l-incident mertu ta' dan il-kaz, hija tghid li l-impjegati "imdorrijin nisimghu dak il-kliem" ta' Martin Agius. Tghid li tali diskors ma kienx joffendiha lilha, imma kienet tirrispondi ghalih.

Xhed il-Professur Dr Pierre Mallia li qal li huwa jigi nkarigat mill-General Soft Drinks jinvestiga rapporti ta' sick-leave. Jghid li jara l-impjegati li jkunu hargu bis-sick-leave fi-ghodu u fil-ghaxija. Jirrakkonta kif dakinhar tad-29 ta' Novembru 2007 fil-ghaxija huwa mar jinvista lil Doris Bonello li kien hassha hazin waqt li kienet qed issuq, u telqet mix-xoghol. Hija kienet ghadha fi stat ta' ansjeta` qawwija. Irrizultalu li ma kinitx l-ewwel darba li Martin Agius ghadda kummenti ta' dan it-tip, u fil-fatt meta kiteb lill-Human Resources Manager Stephen Bonnici qallu "**Evidently this is not the first time, like many other workers she has gone along and closed an eye so as not to jeopardize her job. Today she did the same but after a while she started to have a panic attack**…" Dan ix-xhud talab lill-Human Resources Manager jiehu passi; iggustifika l-assenza ta' Doris Bonello mix-xoghol, hargilha certifikat mediku miftuh u pprova jmur jaraha darb'ohra izda ma sabhiex. In kontroezami jispjega li huwa kiteb skond ma rrappurtatlu Doris Bonello, izda fis-sena li kien ilu jahdem ghall-kumpanija intimata huwa qatt ma sema' b'ilmenti simili, la mir-rikorrenti u l-anqas minn impjegati ohra. Ic-certifikat mediku ghamlu miftuh sabiex il-kumpanija jkollha zmien tirmedja s-sitwazzjoni. Imbaghad fit-

18 ta' Dicembru 2007 huwa kellem lir-rikorenti bit-telefon fejn qalilha li gialadarba Martin Agius talab apologija hija setghet tirritorna ghax-xoghol; madankollu hija infurmatu li kienet spiccat tiehu kura ta' psikjatra u ma kinitx mentalment preparata tirritorna ghax-xoghol. Ghalhekk huwa talabha rapport minn ghand dan il-psikjatra sabiex jigi rassikurat li kien hemm gusitifikazzjoni ghall-assenza taghha mix-xoghol.

Xhed it-tabib dottor Jason Debono li huwa t-tabib tal-familja Bonello. Jghid li r-ragel tar-rikorrenti cempillu u talbu jigi malajr, kif fil-fatt ghamel. Huwa sab lil martu fi stat agitat hafna, tirtoghod u tibki u bil-kemm tiflah titkellem. Jghid li hija qaltlu x'kien gara u hass li kellu johrogilha certifikat ghas-sick-leave. Jghid ukoll li baqgha jinvistaha regolarment u nnota li din waqghet f'depression. Maz-zmien beda jinnotaha taqleb ghall-ahjar, imma xorta kien jehtieglu johrogilha certifikat mediku kull gimgha sa ma imbaghad ma baqghetx fl-impieg. Jixhed ukoll li "*…il-pazjenta kienet ilha zmien twil tghidli li kienet imdejqa fuq ix-xoghol. Kemm il-darba mort naraha qabel dan l-incident u qaltli li hemm persuna partikolari fuq ix-xoghol li l-hin kollu jaqbad maghha, qatt ma qaltli dettlji as such ghaliex imma qaltli li kienet imdejqa fuq ix-xoghol. Din kienet li bl-Ingliz jghidulha the last straw, l-ahhar haga x'hin ma felhitx tissaportih iktar*." Meta mistoqsi jekk fid-drabi precedenti hija qattx irrappurtat lill-Human Resources, huwa jixhed li hija kienet tghidlu li kienet tibza' tirrapportah ghax bezghet li titlef l-impieg.

Stephen Bonello, ir-ragel tar-rikorrenti, jixhed li martu kienet ilha snin tilmenta mieghu dwar dan Martin Agius. Madankollu l-ilmenti kienu varji fis-sens li kien jaqbad maghha fuq ix-xoghol li kienet taghmel, bhal meta nghidu isibilha x-xaghra fl-ghagina. Jghid li t-tensjoni li kienet qed issofri minnha r-rikorrenti kienet qed tirrifletti fuq ir-relazzjoni taghhom. Jghid li wara l-incident in kwistjoni martu kienet tant agitata li haseb li giet imsawta. Jghid li bdiet ma torqodx, titlef il-piz u damet biex irkuprat. Jghid li martu kienet qaltlu li grupp ta' impjegati kienu irrappurtawh lil Agius mal-Human Resources manager li minn naha tieghu qalilhom biex jiehdu pacenzja bih.

Xhedet Josephine Bonello li tigi omm ir-ragel tar-rikorrenti. Tghid li ghall-ewwel sentejn ir-rikorrenti kienet kuntenta hafna fuq ix-xoghol, izda imbaghad bdiet tigi mdejqa mix-xoghol. Tghid li Doris Bonello kienet tghidilha li ffirmat dokument fejn intrabtet li ma titkellem xejn fuq l-affarijiet tax-xoghol, u ghalhekk ma kinitx tghidilha x'inhuma l-ilmenti taghha. Ghalhekk marret tkellem lil Maria Micallef li ghandha pozizzjoni gholja hafna fil-kumpanija intimata, biex titlobha tinvestiga x'seta' kien qed idejjaq lir-rikorrenti. Tghid li din Maria Micallef tigi t-tifla ta' oht zewgha, u allura marret tkellimha d-dar taghha. Tghid li din irrabjat maghha ghax giet tfittixha d-dar u ma offritilha ebda ghajnuna. In kontroezami tghid li lil Maria Micallef lahqet qaltilha li Martin Agius u Marlene kienu qed jaqbdu mar-rikorrenti, u li Martin kien jghid kliem pastaz. Gie ssuggerit lilha li hija marret tellem lil Maria Micallef fuq warning li qalghet ir-rikorrenti, izda hi tixhed li ma kienet taf b'ebda warning.

Xhedet ir-rikorrenti li qalet li fil-jum in kwistjoni kien ser ikun hemm laqgha li kellha titmexxa proprju minn Martin Agius, li meta raha ma tafx fejn ser toqghod bil-qeghda qalilha biex tmur tpoggi bejn saqajh. Hasset umiljazzjoni kbira ghax hasset li kulhadd iffissa l-harsa tieghu fuqha. Din il-haga hassitha difficli anke tirrakkuntaha lil zewgha u baqghet thossha tisthi minn shabha fuq dak li gara dakinhar. Tghid li ghalkemm kienet ilha ssofri, hija qatt ma ressqet ilment ghaliex fil-kumpanija kulhadd jghatti n-nuqqasijiet ta' l-iehor. Tghid li darba marret biex tkellmu u kif raha qalilha li ma riedx ikellimha, minghajr anqas biss kien jaf x'ser tghidlu. Tghid li kulhadd jibza minn Martin Agius u hadd ma jazzarda jikkuntraljah. Tghid li hija qatt ma rrappurtat lil Martin Agius ma' hadd, hlief ghal dak li ghamlet omm zewgha.

Is-surgent Jeffrey Sacco jixhed li kien sar rapport mal-pulizija izda ma ttiehdux passi ghax ikkonsidraw il-kaz bhala wiehed ta' natura civili. Ir-rapprezentanta ta' l-ETC xhedet li l-impieg tar-rikorrenti intemm fit-28 ta' Dicembru 2007, bdiet tirregistra ghax-xoghol fis-26 t'Awwissu 2008 u ta' l-inqas sad-9 ta' Gunju

2009 hija kienet ghadha bla impieg. Il-psikjatra Dr Joseph Spiteri tharrek diversi drabi u ma telax, sa ma r-rikorrenti irrinunzjat ghax-xhieda tieghu.

Il-kumpanija intimata bdiet billi ressqet lill-human Resources Manager Stephen Bonnici li xhed li jezisti Ftehim Kollettiv bil-Malti u bl-Ingliz li jindika kif impjegat ghandu jressaq l-ilmenti tieghu. Jghid li dakinhar ta' l-incident sar jaf li r-rikorrenti harget sick-leave u baghtilha t-tabib. L-ghada sab rapport mit-tabib li din giet fastidjata minn Martin Agius. Hu u l-general manager Maria Micallef kellmuh, u wara parir mill-avukat, ordnawlu jitlob apologija minn ghand ir-rikorrenti, kif fil-fatt sar. Jghid li xi gimghat wara l-incident huma talbu lir-rikorrenti ttihom rapport m'ghand il-psikjatra izda qatt ma tathom tali rapport; minflok huma rcevew ittra aktar tard minn ghand l-avukat taghha. Jghid li r-rikorrenti qatt ma kellmitu dwar Martin Agius. Jghid li xi xahrejn qabel l-incident in kwistjoni inhareg warning kontra r-rikorrenti ghax kienet f'hanut li mhux suppost marret fih, u l-general manager Maria Micallef kienet qaltlu li xi hadd jigi minn Doris Bonello marret tkellimha d-dar taghha dwar dan il-warning. In kontro-ezami jghid li l-grievance procedure tghid li min ikollu ilment ikellem jew lil manager ta' fuqu jew lill-Human Resources Manager. Din il-procedura ma tiddistingwix bejn ilment ta' fastidju sesswali minn ilmenti ohra. L-unika komunikazzjoni li saret bejn il-partijiet kienet fil-forma ta' zewg ittri legali mibghutin mill-avukati rispettivi. Jghid li Martin Agius gie mwiddeb mill-General Manager. Dan ix-xhud esebixxa, kopja ta' cirkolari dwar sexual harassment, u kopja tal-warning li inghata lir-rikorrenti. Dan ix-xhud jixhed li c-cirkolari inghatat lill-management; biss dan it-Tribunal jinnota li l-kontenut taghha juri li din kienet intiza ghall-impjegati kollha.

Xhedet imbaghad il-general manager Maria Micallef li bdiet biex tghid li minkejja li ghandhom 260 impjegat, f'10 snin qatt ma kellha ilment ta' sexual harassment. Tghid li dakinhar stess ta' l-incident mertu ta' dan il-kaz il-Human Resoruces Manager infurmaha b'li gara, u sejhu kemm lil Martin Agius kif ukoll xi impjegati ohra li kienu prezenti fil-kamra waqt l-incident. Hija widdbet lil Martin Agius u talbet lill-Human Resources Manager ikompli

jsewgi l-kaz. Tghid li qatt hadd ma ghamel complaint kontra Martin Agius minn dakinhar 'il quddiem. Lir-rikorrenti baghtulha ittra registrata biex jitolbuha tibghat rapport minn ghand il-psikjatra taghha dwarha, izda dan ir-rapport qatt ma wasal. Imbaghad kien hemm skambju ta' ittri bejn l-avukati rispettivi wara li l-impieg tar-rikorrenti kien terminat. Mitluba tispjega l-incident meta omm ir-ragel tar-rikorrenti marret tkellimha d-dar, din ix-xhud tispjega li hija haditha bi kbira hafna li persuna tigi tkellimha fuq ix-xoghol fid-dar privata taghha, aktar u aktar meta din il-persuna tigi minnha. Tghid li din ilmentatilha li l-warning li l-Human Resources Manager ta lil Doris Bonello kien ingust, u b'risposta, fost affarijiet ohra, din qaltilha biex "tmur ghand il-HR Manager u tispjega lill-HR Manager ghalfejn il-warning mhux gustifikat u niggarantilek li l-HR Manager jaghmel xogholu sewwa." In kontro-ezami tghid li wara l-incident mertu ta' dan il-kaz hija qatt ma kellmet lil Doris Bonello, sew ghaliex hija ma rrispondietx ghall-ittra u sew ghaliex hija qatt ma talbet li tkellimha.

<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Dan it-Tribunal ghandu quddiemu tliet ilmenti mressqa mir-rikorrenti, senjatament fastidju sesswali, trattament diskriminatorju u tkeccija ingusta fil-forma ta' *constructive dismissal*.

**Fastidju Sesswali**

L-intimata, kemm fir-risposta taghha, kemm fix-xhieda mressqa minnha, kif ukoll fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha ma taqbilx li l-kliem uzat minn Martin Agius kien propjru ta' natura sesswali, imma tikkonsidrah bhala ta' natura volgari. It-Tribunal ma jaqbilx ma' din it-tezi ghaliex il-kliem uzat minn Martin Agius huwa kliem li jista' jintuza bhala ewfemizmu flok jissemma l-genitali b'ismu. Ghalkemm l-uzu tal-kliem hawnhekk ma kienx qed jaghmel tali referenza, il-konnotazzjoni sesswali tibqa' hemm.

L-intimati jaccennaw il-fatt li dan l-incident ma jistax jitqies bhala fastidju sesswali sew ghaliex kien ta' portata minima u sew ghaliex ma kienx hemm xi *course of conduct* fuq numru ta' incidenti. Dan it-Tribunal ikun propens jaccetta l-htiega ta' *course of conduct* meta ghandek vittimizzazzjoni, imma dan l-element mhux rikjest meta ghandek ilment ta' fastidju sesswali. Di fatti, d-dispozizzjoni tal-ligi relevanti li hija Artikolu 29 tal-Kap 452 li tghid:

**29.** (1) L-ebda princpal jew impjegat … (*omissis*)
(2) L-ebda principal jew impjegat ma jista' jaghti fastidju sesswalment lil impjegat iehor jew lill-principal (hawnhekk izjed 'il quddiem f'dan l-artikolu imsejha "l-vittma") billi -
(*a*) jassoggetta l-vittma ghal att ta' intimità fizika; jew
(*b*) jitlob favuri sesswali mill-vittma; jew
(*c*) jassoggetta l-vittma ghal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, gesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal iehor, fejn -
(i) l-att, it-talba jew il-kondotta mhumiex mixtieqa mill-vittma u jistghu ragonevolment jiqiesu bhala offensivi, umilijanti u intimidatorji lejn il-vittma…(*omissis*)"

Il-ligi titkellem fuq "att" jew "talba", li huma fis-singular. Att ta' darba huwa fih innifsu ksur ta' din il-ligi, u mhemmx bzonn ta' pluralita`. L-intimati jargomentaw ukoll li dan l-agir irresponsabbli ta' wiehed mill-managers taghha ma setax jigi previst, ghax gara darba biss, u ghalhekk il-kumpanija ma tistax tinzamm responsabbli. Hawnhekk it-Tribunal jaqbel li l-kumpanija ma tistax tiehu passi jekk fl-ewwel lok il-haddiema ma jirrappurtawx il-fastidji, imqar sabiex jigu evitati incidenti ohra fil-futur jew lil impjegati ohra. Dan it-Tribunal josserva li r-rikorrenti naqset hafna jekk kien ikollha ilmenti u ma marritx tirrapurtahom. Anzi anke jasal li jsib nuqqas kbir da parti tar-rikorrenti li ma kinitx tiftah qalbha man-nies vicin taghha taht l-iskuza li hija marbuta bis-sigriet tal-kumpanija. Jekk tkun qed issir xi illegalita` m'ghandu jkun hemm ebda sigriet, ghax inkella nibdew inhaddnu l-omerta`. L-imsemmi Artikolu 29 jissanzjona nuqqas sia jekk ikun gej mill-principal u sia jekk ikun gej minn impjegat, u fi kwalunkwe kaz Artikolu 30 jghid li l-passi ghandhom jittiehdu kontra l-principal.

Wiehed jistaqsi xi htija ghandu l-principal jekk bla mistenni wiehed mill-impjegati jikkommetti fastidju sesswali ta' darba. Il-principal ma jkun jahti xejn ghal dak in-nuqqas. Izda dan il-kaz mhuwiex precizament hekk, ghal zewg ragunijiet: l-impjegati jghidu li lil Agius drawh jghaddi certi kummenti mhux f'posthom, mentri r-rikorrenti lmentat mat-tabib taghha li kienet ilha zmien ssofri minn min hu fuqha. Dan it-Tribunal qed jifhem li l-incidenti passati, ghalkemm ma ngiebux provi fuqhom, ma kinux ta' natura sesswali, imma hija haga cara li r-rikorrenti bezghet tirrapporta. Huwa hawnhekk li dan it-Tribunal ihoss li hemm nuqqas serju da parti tal-kumpanija intimata. Il-kumpanija intimata ma kienet tahti assolutament xejn ghall-incident li holoq Martin Agius, imma l-kumpanija intimata certament ma holqitx atmosfera fejn l-impjegati jhossuhom "safe" li jmorru jirrappurtaw xi imgieba hazina ta' xi superjur taghhom. Regolament 12A ta' l-Avviz Legali 461 ta' l-2004 (LS 452.95) jghid li l-principal ghandu l-obbligu li jiehu mizuri effettivi sabiex jimpedixxi kull forma ta' diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess, partikolarment il-fastidju u l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol. F'dan il-kaz il-kumpanija intimata tghid li l-mizura li hadet kienet li harget Sexual Harassment Policy li kkomunikatha lill-management. Tajjeb li sar xi haga, imma certament tali policy kellha tigi komunikata lill-aktar impjegati 'l isfel, li l-aktar huma suxxettibbli ghal fastidju. Dan l-isforz ma kien ta' ebda ghajnuna ghal dawk li l-aktar kellhom bzonn ikunu jafu ahjar id-drittijiet taghhom.

Dan it-Tribunal ihoss imma li l-aktar haga inkwetanti f'din il-vertenza hija l-atmosfera potenti mahluqa mill-management, li xejn ma tinkoraggixi lill-impjegati jressqu l-ilment taghhom. Biex f'10 snin ebda wiehed jew wahda mill-260 impjegat qatt ma ilmentaw minn fastidju sesswali, jew din hija kumpanija b'impjegati ezemplari, jew l-impjegati jibzghu jilmentaw. Tul l-impieg taghha r-rikorrenti inghatat warning wiehed biss, u dan ghaliex inqabdet tibghat sms meta l-POS ma kinitx ghadha saret: dan gie kkunsidrat hela ta' hin, meta wara kollox sms jista' jintbaghat ghal xi haga urgenti! Dan l-incident ma tantx inghata importanza, izda dan it-Tribunal qed itih importanza kbira in kwantu l-kumpanija intimata tghid li l-kunjata tar-rikorrenti (Josephine

Bonello) marret tkellem lill-general manager dwaru. Il-kunjata tar-rikorrenti tghid li marret ghand il-general manager biex titlobha tara jekk Doris Bonello kinitx qed tigi vittimizzata, mentri l-general manager tghid li din giet tghidilha li l-warning kien ingust. Dan it-Tribunal ser jiehu l-verzjoni tal-general manager bhal l-verzjoni l-korretta. Jibqa' l-fatt li l-attitudni ta' Maria Micallef fil-konfront ta' Josephine Bonello kien altament arroganti. Jekk Maria Micallef xtaqet li zijitha tar-rispett tkellimha l-ufficju u mhux id-dar, dejjem setghet talbitha taghmel dan bi prudenza. Ix-xhieda ta' l-istess Maria Micallef juri li lil din Josephine Bonello ttrattatha b'mod addirittura selvagg: biz-zejjed jinghad li ghax din giet titkellem f'isem ir-rikorrenti sejhitilha "post woman"; u t-Tribunal allura jistaqsi jekk l-avukati li jidhru ghall-partijiet nistghux insejhulhom "postmen"! Mhux biss l-attitudni tal-general manager hija arroganti, imma hija f'certi aspetti bla sens: x'sens jaghmel li ma tinvestigax ilment ghax l-ilment qed isir minn persuna li tigi minnha? X'sens jaghmel li tibghat lil min qed jilmenta ghand il-HR Manager meta l-warning (folio 265) inhareg proprju mill-istess HR Manager. Skond Maria Micallef, l-ilment inbeda minn complaint tas-superjura tar-rikorrenti, u l-HR Manager ikkonkluda li kellu johrog warning kontra Doris Bonello. Doris Bonello ma qablitx ma' din id-decizjoni ta' Stephen Bonnici, u riedet tilmenta ma' xi hadd fuqu; u fuqu tigi Maria Micallef. Izda din Maria Micallef riedet li l-kaz jerga' jmur ghand Stephen Bonnici li dwaru kien hemm l-ilment. Din l-attitudni xejn ma tispira fiducja, u allura wiehed jasal jifhem ghaliex Doris Bonello ma kinitx komda tressaq ilmenti kontra s-superjuri taghha.

Fil-kuntest ta' dan kollu, dan it-Tribunal ihoss li l-kumpanija intimata ma haditx dawk il-mizuri rikjesti mis-sucitat Artikolu 12A tal-Ligi Sussidjarja 452.95 biex tissoprimi vittimizzazzjoni, fastidji, u fastidji sesswali, b'dan li Martin Agius hassu liberu li jagixxi kif irid minghajr bizgha li jittiehdu passi dixxiplinari kontrih. Huwa veru li oggettivament il-kaz kien wiehed zghir, izda wiehed ikun irid ihares lejn il-kas b'mod soggettiv ukoll ghax mhux kulhadd jirreagixxi l-istess. Dan it-Tribunal ihoss li sewwa qal it-tabib li l-incident in kwistjoni kien l-ahhar wiehed f'sensiela ta' incidenti, li sfortunatament

m'ghandniex dettalji dwarhom. Dan it-Tribunal kien ikun sodisfatt kieku l-kumpanija baghtet ittra ta' inkoraggiment lil Doris Bonello, u kieku ppromettitilha li se jigi assikurat li incidenti simili ma jergghux isehhu, izda l-kumpanija ppretendiet li tkun Doris Bonello li tersaq lejha. L-apologija ta' Martin Agius tkopri lilu, izda l-kumpanija baqghet ma uriet ebda sensittivita` lejn l-impjegata taghha. Ghalhekk dan l-ilment huwa gustifikat anke fil-konfront tal-kumpanija, bla pregudizzju ghal kull rimedju iehor li jista' jkollha r-rikorrenti fil-konfront tal-persuna li kkommettiet il-fastidju imsemmi.

**Trattament Diskriminatorju**

Ir-rikorrenti ticcita l-Artikoli 26 tal-Kap 452 kif ukoll Regolamenti 3 u 4 ta' l-inmsemmija Ligi Sussidjarja 452.95, biex timplika li l-incident mertu ta' din il-kawza jirrisali ghal diskriminazzjoni kontra l-istess rikorrenti. Huwa veru li b'mod partikolari Regolament numru 4 jghid li min jinghata fastidju jew fastidju sesswali fuq ix-xoghol huwa meqjuz li gie diskriminat, izda dan it-Tribunal ma jarax ghalxiex ghandna ngebbdu l-ligi s'hawnhekk gialadarba l-ligi taghna diga' tipprovdi kontra l-fastidji u l-fastidji sesswali. Dawn ir-Regolamenti iddahhlu fil-ligi Maltija biex jissodisfaw ir-rekwiziti tad-Direttivi rispettivi ta' l-Unjoni Ewropea, b'dan li holqot dupplikazzjoni ta' ligijiet. Dan it-Tribunal ihoss li kaz ta' diskriminazzjoni ghandu jibqa' jigi trattat fil-veru sens tieghu, mentri fastidji u fastidji sesswali jigu trattati bhala tali. Issa dan it-Tribunal diga' ttratta l-ilment tal-fastidju sesswali, mentri jekk ikollu jinvestiga jekk hemmx diskriminazzjoni ohra, jirrizulta li ma ngiebet ebda prova ta' diskriminazzjoni ohra per se. Diskriminazzjoni tehtieg trattament differenti minn kif jigu trattati impjegati ohra, mentri hawn ir-rikorrenti ma gabet ebda prova dwar trattament differenti ma' l-impjegati l-ohra. Ghalhekk dan l-ilment mhux gustifikat.

**Constructive Dismissal**

L-ahhar ilment huwa li r-rikorrent kienet qed tigi vittimizzata u ghalhekk hija ma kellhiex triq ohra hlief li tirrizenja. Gia` inghad f'din id-decizjoni li l-kumpanija intimata ma pprovdietx atmosfera xierqa li tinkoraggixxi l-impjegati

jressqu l-ilmenti taghhom kontra s-superjuri taghhom, u allura wiehed jifhimha li r-rikorrenti qatt ma qajmet ilment ta' fastidju jew vittimizzazzjoni da parti tas-superjuri taghha Martin Agius jew Marlene Borg. Hi tghid li hekk kien il-kaz, u t-tabib taghha hekk jghid li hekk kienet tghidlu. Anke Josephine Bonello tghid li r-rikorrenti kienet imdejqa hafna fuq ix-xoghol, izda l-ilmenti passati baqghu dejjem mistura. L-uniku hjiel li ghandu dan it-Tribunal hu li dawn is-superjuri kienu jilmentawlha fuq kull l-icken oggett, izda r-rikorrenti donnha ghazlet li ma titkellimx fuq dawn l-ilmenti passati. Anke spiccat qalet lill-kunjata li ma setghetx tghid x'kienu l-ilmenti taghha minhabba s-sigriet tal-kumpanija. Jekk ir-rikorrenti ma tridx tghid x'kienu l-ilmenti taghha, allura anqas ma tista' tippretendi li dan it-Tribunal jiddeciedi fuq vittimizzazzjoni. It-Tribunal jinnota wkoll li r-rikorrenti waqfet mix-xoghol fiz-zmien li kienet qed tmur ghand psikjatra, u bir-ragun l-intimata talbet rapport minn ghandu. Id-difensur tar-rikorrenti jargumenta li l-ittra b'talba ghac-certifikat psikjatriku qatt ma waslitilha; jibqa' izda li t-tabib tal-kumpanija, li dan it-Tribunal ifahhar l-imgieba korretta tieghu, jixhed li hu talabha tali certifikat. Dan it-Tribunal ma jistax ma jinnotax li mhux talli r-rikorrenti qatt ma pproduciet tali certifikat lill-kumpanija, talli anqas f'dawn il-proceduri ma gie esebit xi certifikat jew rapport psikjatriku li kien jitfa' dawl ahjar fuq l-istat tar-rikorrenti fix-xhur in kwistjoni. Dan it-Tribunal jaqbel ma' l-abbli difensur ta' l-intimati li r-rikorrenti rrikorriet ghall-konfrontazzjoni minghajr ma esplorat rimedji sodisfacenti ghaz-zewg nahat. Hija ma kkomunikatx mal-kumpanija hlief biex tghidilha li telqet mix-xoghol. La talbet li tbiddel ix-xoghol, la talbet li jitnehha l-manager minn fuqha; ma talbet xejn hlief kumpens. Ghal dawn il-motivi dan it-Tribunal ma jista' bl-ebda mod iqis dan il-kaz bhala wiehed ta' *constructive dismissal*.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li r-rikorrenti inghatat fastidju sesswali minn wiehed mill-impjegati tas-socjeta` intimata, meta l-istess socjeta` intimata ma haditx il-mizuri kollha

biex tipprevjeni jew tiskoraggixxi tali imgieba;  qieghed jiddikjara wkoll li ma giet ippruvata ebda diskriminazzjoni u anqas kas ta' *unfair dismissal*, u ghalhekk in-nuqqas tas-socjeta` intimata huwa relattivament minimu, u ghalhekk qed jistabilixxi l-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) bhala kumpens, liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta` intimata lir-Rikorrent fi zmien erbghin jum mill-lum.  Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ disghin Euro (€90.00).   B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman